# Smigħ Tikka Malti 3b (ISBN 978999091930-1)

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/podcasts/tikkamalti-3b/**

## Taqsima 6: Draguni u dinosawri

*Paġna 9*

**Id-dragun Ċiniż u d-dragun Malti**

Mhux kull dragun l-istess. La fil-kulur u lanqas fil-karattru. Dak Ċiniż aħmar nar u d-dragun Malti aħdar ħaxix. Id-dragun Ċiniz twil immens u l-Malti ħafna iqsar minnu. Anke l-karattru tagħhom differenti! Id-dragun Malti ma tiċċajtax miegħu għax malajr jurik snienu: qalil, makakk u aħrax. Filwaqt li dak Ċiniż iktar kwiet, ħanin, mans u mhux ta' min jibża' minnu.

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhi din is-silta?
2. Liema dragun hu l-iktar ħanin?
3. Liema dragun hu l-iktar kattiv?
4. Inti togħġbok id-draguni?

*Paġna 12*

**Id-dinosawri**

Id-dinosawri kienu jgħixu miljuni ta' snin ilu u llum m'għadhomx jeżistu. Id-dinosawri kellhom ħajja twila ħafna. Xi dinosawri kienu jieklu l-ħaxix, oħrajn kienu jieklu l-laħam u kien hemm dinosawri li jieklu kemm il-laħam kif ukoll il-ħaxix. Dawn id-dinosawri anke fid-daqs tagħhom kienu jvarjaw; ftit minnhom kienu kbar ħafna u oħrajn żgħar … u taf xiex? Xi dinosawri kienu anke jtiru!

**Id-draguni**

Id-draguni qatt m'eżistew ħlief fil-kotba tal-kbar jew tat-tfal. Allura nistgħu ngħidu li dawn jgħixu biss fl-istejjer. Hemm draguni li jitkellmu u li jieħdu gost ikunu man-nies. Hemm oħrajn qalbhom tajba u dejjem lesti li jgħinu, imma hemm draguni oħra kattivi u ħżiena … jaraw biss kif se joqtlu n-nies bin-nar li jtajru.

*Paġna 17*

**Lara u l-karnival**

Dis-sena għall-karnival se nilbes ta' dragun minn rasi sa saqajja. Iz-ziju ħietli kostum aħdar bi ġwienaħ kbar, denb twil, snien bojod, għajnejn sofor, ingwanti enormi, qliezi wesgħin, imnieħer ippuntat u widnejn perpura. Tgħidx kemm se nbeżża' nies!

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Meta se tilbes il-kostum Lara?
2. X'se tilbes għal din il-festa?
3. Min ħiet il-kostum ta' Lara?
4. Iddeskrivi dan il-kostum.

## Taqsima 7: Kemm inħobb naqra

*Paġna 26*

**Barnuża Ħamra ħarġet mill-ktieb**

Darba waħda, meta fil-librerija kien hemm skiet perfett, Barnuża Ħamra ħarġet tqalleb fil-kotba. Kien hemm kotba kbar u kotba żgħar, kotba b'qoxra ħamra u oħrajn b'qoxra safra. Xi kotba kienu tal-biża', oħrajn bil-ħrejjef u oħrajn tad-daħq. Baqgħet skantata kemm kien hemm kotba ta' awturi differenti.

Imma l-iktar ktieb li għoġobha kien ktieb kbir ħafna dwar ħaddiema differenti. U allura bdiet tqalleb u tqalleb u tħares lejn l-infermiera u l-pustiera, lejn il-pumpiera u l-inġiniera, lejn il-furnara u l-għalliema, is-sajjieda u l-ħajjata, is-sewwieqa u l-voluntiera. U ħasbet li la tikber tixtieq issir infermiera biex tkun tista' tieħu ħsieb in-nanna!

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhi din is-silta?
2. Kemm tista' tiftakar xogħlijiet differenti? Semmihom.
3. X'tixtieq issir Barnuża Ħamra la tikber? U għaliex?
4. Inti x'tixtieq issir la tikber?

*Paġna 28*

**Meta l-Milied ma ġiex**
**ta' Clare Azzopardi**

Jgħidu li fuq il-qamar kien jgħix raġel ikrah ħafna. Jgħidu li kien jgħix waħdu u ħbieb ma kellux. L-iktar żmien li kien idejqu kien żmien il-Milied, meta n-nies tad-dinja jifirħu bir-rigali u jieklu ħafna ikel tajjeb.

Fix-xahar ta' Diċembru, Karl u Martina kienu jieħdu gost iħarsu lejn il-presepju ż-żgħir u jagħtu ismijiet ġodda lill-pasturi qodma li kellhom. Kull filgħodu kienu jagħtu titwila lill-ġulbiena biex jaraw twalitx ħalli joħorġuha ħdejn il-Bambin.

Kienu jieħdu gost iħarsu lejn il-blalen kbar u kkuluriti mdendla mal-friegħi tas-siġra tal-Milied … Is-siġra tagħhom żgur li kienet l-isbaħ waħda fid-dinja!

Lejl u nhar jaħsbu fil-Milied. Jaħsbu fir-rigali sbieħ li se jaqilgħu.

Imbagħad ġara li darba waħda r-raġel ta' fuq il-qamar qam b'burdata ħażina iktar minn

tas-soltu. Ma felaħx iktar jara t-tfal kollha kuntenti, it-toroq imżejna u s-siġar kbar tal-Milied. Ma setax jissaporti dik ir-riħa tfuħ tal-kejkijiet u l-pudini tal-Milied.

“Leeeeee!!!!! Dis-sena l-Milied ma jiġix!” għajjat.

Issa li smajt l-ewwel parti ta’ dan il-ktieb, kif taħseb li tkompli l-istorja?

1. Kif taħseb li ħassewhom Karl u Martina mingħajr il-Milied?
2. Kif taħseb li ħassu r-raġel tal-qamar mingħajr il-Milied?
3. X’taħseb li għamlu Karl u Martina biex jerġa’ jiġi l-Milied?

## Taqsima 8: Djarji u orarji

*Paġna 32*

**Id-djarju tiegħi**

Ħa nara naqra x’għandi llum għax jien tgħidx kemm ninsa ta. Dad-djarju xtratuli l-mamà ftit qabel ma bdejna skola. Għax mingħajru nħawwad jien. Jekk ma niktibx kollox, ninsa nagħmel il-HW tal-Maths, tal-Ingliż, tal-Malti. Wara l-iskola tgħidx kemm ikolli affarijiet jien u nkella żgur ninsiehom kollha. Ninsa mmur il-Mużew, ninsa l-klarinett, ninsa mmur il-futbol … e, nini nini, dak ma ninsieh qatt!

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma’ sħabek fil-klassi:

1. Min tahulu d-djarju lil Damien?
2. Għaliex jużah id-djarju?
3. X’inhi l-unika ħaġa li ma jinsa qatt?
4. Inti għandek djarju? X’tikteb fih?

*Paġna 36*

*Reġa’ Sebaħ*
ta’ Trevor Żahra

Ix-xemx telgħet!
Reġa’ Sebaħ!
Oh xi ħlewwa!
Xi pjaċir!
Ilbes ħaffef,
Iġri w ġerri
Kulħadd donnu
Irid itir!

Missieri jlesti l-*breakfast*,
Ommi tgħaddi l-ħwejjeġ,
Missieri jqajjem lil Bobby,
Ommi tlesti l-*lunch*,

Missieri jlibbes lil Bobby,
Ommi tidħol tinħasel,
Bobby jpixxi taħtu,
Missieri jitlagħlu San Filep,
Bobby jibda jwerżaq,
Ommi trid taf x'gara,
Missieri biddillu l-ħarqa,
Bobby jwerżaq aktar.

Ommi toħroġ mill-banju,
Missieri jidħol flokha!
Isa, ħaffu, mexxu,
It-tmienja neqsin kwart,
Ħaffu f'ġieħ is-sema,
Għax żgur se naslu tard!

Jien kilt il-*breakfast* waħdi,
Inħsilt
U lbist
U tlaqna lkoll inħaffu mhux bi ftit:
Baqa' biss waħdu l-amorin ġol-gaġġa,
Igawdi x-xemx u s-sikta ta' jum ġdid.

Ix-xemx telgħet!
Reġa' sebaħ!
Oh xi ħlewwa dan il-jum!
Naqta' nifsi f'dit-tellieqa,
Kull filgħodu malli nqum!

Issa li smajt il-poeżija x'tista' żżid jew tbiddel?

1. X'tista' tagħmel differenti l-mamà?
2. X'jista' jagħmel differenti l-papà?
3. X'jista' jagħmel differenti Bobby?

*Paġna 42*

**Is-Sibt kemm għandi x'nagħmel**

Aaa, is-Sibt. Is-Sibt! Is-Sibt!!! Ma nafx int imma l-ġurnata tas-Sibt tiegħi mimlija daqs bajda. Nibda billi mmur id-drama. Nagħmel mid-disgħa sal-għaxra. Fl-għaxra mmur nixtri mal-mamà. Wara mmur mal-papà għand in-nannu. Noqgħod ngħinu fil-ġnien. Niekol mal-familja fis-siegħa. Imbagħad ngħin lill-mamà taħsel il-platti. Jien noqgħod nixxotta. Wara l-platti, nitilgħu nonxru l-ħwejjeġ. Imbagħad nieħu lil Sheba dawra sal-bandli. Il-bandli niltaqa' ma' Sammy li wkoll idur dawra bil-kelba tiegħu. Għal xi l-erbgħa ngħin lill-papà fil-garaxx. Niżbarazza, naħsel il-karozza, inpoġġi l-affarijiet f'posthom. Fis-sitta jkolli aptit noqgħod nilgħab bil-kompjuter. Imma x'tilgħab? Dak il-ħin iddoqq il-qanpiena. Tiġi n-nanna u noħorġu xi passiġġata magħha, jew inkella

naraw xi film. Imbagħad immorru nieklu u fi tmiem il-ġurnata tista' tobsor kif inkun! Għajjien mejjet.

## Taqsima 9: L-isports

*Paġna 50*

**It-tifla li ġġemma' l-kupuni**

Jiena nġemma' l-kupuni tan-nies li jagħmlu l-isport. Dawn insibhom maċ-ċikkulata. Kull kupun ikollu ritratt u ħafna informazzjoni dwar xi ħadd famuż, bħal fejn twieled u meta. Daqqa dwar xi ħadd li jilgħab it-tennis bħal Serena Williams, daqqa dwar xi ħadd li jilgħab il-futbol bħal Michael Mifsud … B'kollox diġà għandi għoxrin, u l-iktar kupun li jogħġobni hu ta' Suzanne Buttigieg il-ġinnasta għax jien la nikber irrid insir bħalha.

*Paġna 54*

Dina: Illum l-iskola kellna kompetizzjoni tal-ġiri.
Dino: Naf Dina! Jien mhux miegħek kont?
Dina: Jien mhux lilek qed ngħid. Qed ngħid lit-tfal!
Dino: Mela għidilhom x'għamilt ukoll …
Dina: U le nistħi.
Dino: Isa, għidilhom, inkella ngħidilhom jien.
Dina: Uuu, nistħi ngħidilhom li ġejt l-ewwel.
Dino: Ħeħe, qed tara, xorta għedtilhom!
Dina: Dejjem taqbadni int. Issa ngħidilhom min ġie t-tieni wkoll mela.
Dino: Agħmel inti!
Dina: Dino ġie t-tieni! Għal naqra ma leħaqnix.
Dino: Għall-bidu ħsibt li se jilħquk Krista u Emma.
Dina: Krista ġiet it-tielet u Emma r-raba'. Għal naqra ma leħqunix, veru!
Dino: Marco, Chris, Fae u Mae kif ġew?
Dina: Marco u Chris ġew fis-sitt post, Fae qabilhom — fil-ħames post — u fis-seba' post Mae.
Dino: Hekk hu. Tina u Nina fit-tmien u d-disa' post …
Dina: U fl-għaxar post?
Dino: Fl-għaxar post ma ġie ħadd … għax Marco u Chris it-tnejn li huma ġew fis-sitt post.
Dina: Għal tikka Dino kont tiġi l-ewwel miegħi!
Dino: U b'daqshekk. Jien kuntent li inti ġejt l-ewwel.

*Paġna 54*

**Pinġi l-kaxxi biex tgħin lil Marta titla' t-taraġ.**

L-ewwel tarġa hija sewda, it-tieni tarġa pinġiha vjola u t-tielet tarġa blu. Ir-raba' tarġa agħmilha safra, il-ħames tarġa roża u s-sitt tarġa oranġjo. Marta jonqosha ftit ieħor isa. Is-seba' tarġa kannella, it-tmien tarġa ħadra, id-disa' tarġa ħalliha bajda u l-għaxar u l-aħħar tarġa griża. U hekk Marta telgħet it-taraġ kollu.

*Paġna 55*

**Tlaqna l-bandli!**

Il-Ħadd, Chris u Claudio joħorġu ma' Mark il-kuġin u z-zijiet. Jiġu għalihom bil-karozza u jitilqu lejn Ta' Qali. Jieħdu magħhom xi ftit ikel u anki xi ftit xorb. Ikunu ilhom ġimgħa jistennew din il-ħarġa mal-kuġin, għax Mark huwa l-kuġin favorit tagħhom. U ngħiduha kif inhi, wara ġimgħa skola, tkun trid tilgħab ftit, mhux hekk?

Malli jaslu, imorru dritt għal fuq iż-żurżieqa u jiżżerżqu wieħed wieħed. Wara jitilgħu ftit fuq iż-żiemel. Imbagħad, imorru fuq iċ-ċaqlembuta u, eżatt wara ċ-ċaqlembuta, dritt għal fuq il-bandli. Kif jiddejqu fuq il-bandli, jitilgħu fit-torri l-kbir.

It-torri l-kbir huwa l-iktar ħaġa ghal qalbhom għax fih jibdew jimmaġinaw li jinbidlu. Claudio jsir dragun u Chris isir kavallier fuq żiemel. Mark ikun ir-re li jrid jeqred id-dragun. U erħilhom jiġru, jiżżerżqu, jidħlu f'xi moħba u joħorġu minn xi mkien ieħor. Dan it-torri jieħu l-ħajja u jsir il-kastell tar-Re Marku l-Ħanin.

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhi din is-silta?
2. Min huma l-karattri li jissemmew?
3. X'jimmaġinaw li jsiru?
4. Inti tieħu gost il-bandli? Xi tħobb timmaġina meta tkun qed tilgħab?

*Paġna 56*

*Pizzi pizzi kanna*

Pizzi pizzi kanna
Dolores ta' Sant'Anna
Sant'Anna tal-Morina
Tini biċċa pellegrina
Mgħaref tal-fidda
Bandieri tal-ħarir
Noli kannoli
Insara qaddisin.

*Iż-żunżana ddur iddur*

Iż-żunżana ddur iddur
Fuq il-bejt tal-kaċċatur
Meta tasal taħt il-mina
Tagħmel Żinn, Żann, Żunn!

## Taqsima 10: L-ambjent ta' madwari

*Paġna 58*

**Isma' l-avviż dwar ġurnata xemx tikwi.**

Nhar is-Sibt 25 ta' Lulju mistennija jintleħqu l-ogħla temperaturi tas-sena. L-ogħla temperatura għandha taqbeż il-45 grad Celsius bejn il-11.00 ta' filgħodu u t-3 ta' waranofsinhar. Ir-riħ sħun diġà qed jinħass minn issa. Temperatura bħal din ilha ma tintleħaq 5 snin. Għalhekk, jekk is-Sibt li ġej għandek bżonn toħroġ, indilek sewwa bil-krema kontra r-raġġi UV, ilbes kappell u nuċċali tax-xemx, qis li jkollok l-ilma miegħek u stkenn fid-dell jew taħt umbrella. Idealment, f'temperatura daqshekk għolja, ikun għaqli jekk tibqa' d-dar għall-frisk. Jekk għandek xi kelb, toħorġux barra f'dawn it-temperaturi kefrin!

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Meta se tkun ħafna sħana?
2. Kemm se titla' t-temperatura?
3. X'għandek tagħmel biex tipproteġi lilek innifsek mix-xemx?
4. U jekk għandek xi kelb? X'għandek tagħmel?

*Paġna 66*

**Isma' r-reklam dwar il-bramel tal-iskart.**

Għand Pawlu taż-Żebgħa ssib bramel ta' kull tip u ta' kull daqs. Issib bramel ta' kull kulur, bramel tal-plastik u bramel taż-żingu. Għandek bżonn bramel għall-ħasil tal-art, bramel robusti, bramel ħomor, bojod jew sofor, mela aqbeż qabża għand Pawlu taż-Żebgħa fejn issib bramel bi prezzijiet irħas u kwalità tajba. U għadek ma smajtx kollox! Għand Pawlu taż-Żebgħa ssib ukoll il-bramel tal-iskart. Bramel li jgħinuk tissepara l-iskart. Bramel suwed, koħol, kannella, bojod u ħodor! Mela x'qed tistenna biex tmur s'għand Pawlu taż-Żebgħa u ssolvi l-problema tal-bramel li mhix tħallik torqod! Għal iktar informazzjoni ċempel 21222324.

Issa li smajt dan ir-reklam, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhu dan ir-reklam?
2. X'tip ta' bramel issib għand Pawlu taż-Żebgħa?
3. Semmi xi bramel li jissemmew fir-reklam.
4. Għand Pawlu ssib ukoll il-bramel li jgħinuk tissepara l-iskart. Kif taħseb li jistgħu jgħinuk tissepara l-iskart?

*Paġna 67*

**Il-pulizija**

Eħħ, kif għajejt. U żgur, ili xogħol mill-ħamsa. Le, mhux ta' filgħaxija. Ta' filgħodu! Illum l-għassa kelli noqgħod. L-ewwel niffirma – dik l-ewwel ħaġa li nagħmel dejjem. Imbagħad kelli ħafna karti xi ndur u nirranġa, ġew xi tnejn ħallsu ċitazzjoni: wieħed

ipparkja ħażin u l-ieħor ma saqx kif suppost. Fil-klassi hemm ir-regoli u trid tobdiehom u anke fit-triq. Imbagħad fis-sagħtejn, kif kont se niekol biċċa ħobż, ġiet mara tirrapporta lil ta' maġenbha. Din Lucy mhux l-ewwel darba li ġiet tirrapporta. Daqqa lil ta' ħdejha, daqqa lil ta' fuqha, ġieli anke darbtejn f'ġurnata. Ikolli nieħu paċenzja u noqgħod nismagħha. Daqqa mmur jien nara xi jkollha bżonn, u daqqa jmur is-surġent, skont kif jgħidilna s-surġent. Anke aħna jkollna nobdu għax is-surġent jikkmanda l-għassa. Meta tlaqt m'għand Lucy għamilt dawra mal-ġnien għax hemmhekk ġieli jkun hemm xi tfal imqarbin qed jaqilgħu l-fjuri jew jgħaffġu fil-ħamrija. Imma llum ma kien hemm ħadd. Imbagħad mort lura l-għassa u komplejt nirranġa l-karti. Issa għada mhux l-għassa se nkun. Għandu jasal kantant famuż u jridu ħafna pulizija għassa. Għax dan kantant famuż ħafna ħafna u se jkun hemm ħafna nies. Kulħadd irid il-firma tiegħu u kulħadd ikun irid jieħu ritratt! Mela se mmur norqod issa ħalli għada nqum b'ħafna enerġija.